MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1507/2000/1

**Mario Lapira**

**vs**

**C & A Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundannah tal-konvenuti sabiex tigi dikjarat debitur tal-attur fis-somma ta' tlett mija sitta u tmenin lira maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm386.28) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata, u konsegwentement ikkundannati jhallsu dan l-ammont.

Bl-ispejjez inkluzi  ta’ l-ittra ufficjali datata 31.08. 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta C & A CO Limited fejn eccepiet illi:-

1 Preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li din hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu elfejn mija sitta u hamsin (2156) subartikolu “f” ta’ l-Kodici Civili, Kapitolu Sittax (16) ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta, u dan peress li ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-ahhar fattura formanti l-fattispecie ta’ din l-azzjoni giet mahruga u madankollu qatt ma gie nterrot bl-ebda mod it-terminu ta’ preskrizzjoni skond il-modalitajiet indikati fil-ligi qabel ma nghalaq dan il-perjodu ta’ preskrizzjoni;

2 Inoltre, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma kapitali formanti l-fattispecie ta’ din l-azzjoni kienet giet mhallsa mis-socjeta konvenuta fl-intier taghha u ghaldaqstant is-socjeta konvenuta m’ghandha xejn x’taghti lill-atturi;

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mid-deposizzjoni ta’ Alfred Grixti prodott mill-kumpanija konvenuta illi rrikonnoxxa l-firma tieghu fuq l-invoices in kwistjoni w iddikjara wkoll li kien hemm okkazzjonijiet anke fejn l-impjegati tieghu iffirmaw xi invoices li kienu jirreferi ghal konsenji regolari  li kien  jghamel l-attur,

jirrizulta ppruvat li l-attur effettivament kien biegh u ikkonsenja dak kollu li huwa indikat fl-ivoices minnhu esibiti u mmarkati minn dokumenti MA2 sa MA6.

Jirrizulta wkoll illi l-valur ta' din il-merkanzija illi l-attur kien biegh u kkonsenja lill-konvenuti kien ta' valur ta' Lm386.28 (tlett mija u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi) kif indikat fl-avviz.

Biex il-konvenuti jiggustifikaw  in-nuqqas ta' hlas da parti taghhom huma eccipew il-preskrizzjoni  a tenur tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili ossia l-preskrizzjoni bl-iskadenza ta' hames (5) snin.

Billi mill-istess provi jirrizulta illi l-attur kien ibiegh u jikkonsenja lill-kumpanija konvenuta diversi partiti ta' merkanzija bi kreditu u kienu izzommu bejnithom kont kurrenti allura l-konvenuti jridu jippruvaw illi skadew hames (5) snin mill-ahhar operazzjoni kummercjali li ghamlu li tirrigwarda  dan il-kont kurrenti li kellhom bejnithom sad-data tal-interruzzjoni tal-istess perjodu b'xi att gudizzjarju.

Jirrizulta ppruvat illi l-ahhar pagament illi ghamlu l-konvenuti kien fl-24 ta' Novembru 1995 liema pagament gie rikonnoxxut bl-ircevuta bin-numru 559129 l-ircevuta esebita a fol 22 tal-process u jirrizulta  illi l-ewwel att gudizzjarju spedit mill-attur u notifikat lill-konvenuti kien dak tat-30 t' Awissu tas-sena 2000 notifikat fid-9 ta' Settembru tas-sena 2000.

Ghalhekk jirrizulta illi l-perjodu ta' preskrizzjoni korrenti gie interrott fit-30 t' Awissu tas-sena 2000 u ghalhekk entro l-hames (5) snin  mid-data ta' l-ahhar pagament maghmul akkont mill-istess kumpanija konvenuta.

Ghandu jigi rilevat ukoll f'dan ir-rigward illi l-pagamenti li ghamlu l-konvenuti ossia l-ahhar zewg pagamenti li ghamlu l-konvenuti ma kienux marbutin ma xi invoice partikolari u kien biss l-attur stess illi abbina l-pagament ma invoices  partikolari minhabba s-sistema ta' konteggi li huwa jaddotta.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u billi jirrizulta illi l-attur kien effettivament biegh u kkonsenja lill-konvenuti l-merkanzija ndikata fl-invoices esebiti liema merkanzija kella valur ta' Lm386.28 (tlett mija sitta u tmenin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu).

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm386.28 (tlett mija sitta u tmenin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Novembru 1995."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' konvenuta bl-aggravju li essenzjalment jirribadixxi l-eccezzjoni minnha sollevata tal-preskrizzjoni quddiem l-ewwel Qorti u li giet minn din michuda.

Is-socjeta` appellanti tillamenta illi l-Qorti ta' Isfel ma apprezzatx sew il-fatti tal-kaz dwar il-preskrizzjoni. Hi ssostni illi l-ahhar hlas li ghamlet sar biex jissodisfa fattura specifika anterjuri ghal dawk pretizi mill-attur. Ergo, ikkontendiet, il-perijodu preskrittiv kellu jitqies li beda jiddekorri mid-data tal-hrug tal-ahhar fattura tal-11 ta' Awissu 1995.

Il-ligi taghna b'disposizzjoni espressa tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata (Art 2137 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hi wahda bazika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi" (**Vol XLIX pI p500**).

Naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni

kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Tali hu l-kaz fejn id-debitur oltre l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni (vide “**Joseph Vella pro et noe –vs- John Vella**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997; “**Raymond Vella –vs- Moby Rentals Limited**”, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta’ Novembru 2001). L-eccezzjoni tal-pagament, moghtija ukoll f’dan il-kaz, mhiex wahda minn dawn ta’ inkompatibilita` (**Vol XXX pI p964**).

Minn naha l-ohra jinsab ukoll ritenut illi l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (**Vol XXIX pI p755**) u allura att minnu nnifsu interruttiv, ossija “*l’abdicazione di un diritto*” (“**Farrugia –vs- Perini**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Dicembru 1901).

Fil-kaz taht konsiderazzjoni ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi ghax-xorta tal-azzjoni promossa tapplika l-preskrizzjoni sancita fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Dan ghar-raguni illi l-vendita` li taghha qed jintalab il-hlas kienet wahda bl-ingrossa u mhux bid-dettal jew bl-imnut. (“**Adrian Strickland noe –vs- Anthony Sammut**”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Gunju 1975; “**Dr. Peter Fenech nomine –vs- Medina Food Manufacturing Co Ltd**”, Appell, 7 ta’ Novembru 1997; “**Joseph Grech –vs- Domenico Savio Spiteri et**”, Appell, 25 ta’ Mejju 2001).

Ghal dawk li huma fatti l-aktar saljenti f’dan il-kaz dawn jistghu jigu hekk ri-epilogati:-

i. In-negozju bejn il-kontendenti kien attivat fuq bazi ta’ “kont kurrent”. Kif mistqarr minn Alfred Grixti (fol 30) l-attur kien ikkoncedielu facilita` kreditizja ta’ disghin (90) gurnata biex jiskonta l-hlasijiet;
ii. L-attur appellat (fol 12) isostni illi hu ghadu dovut il-hlas relattiv ghall-erbgha invoices datati 23 ta’ Mejju 1995, 18 ta’ Lulju 1995, 7 ta’ Awissu 1995 u 11 ta’ Awissu 1995 rispettivament.
iii. Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta, ossija Alfred Grixti, li ta’ din is-socjeta` kien azzjonist u direttur fil-perijodu in kwestjoni, jafferma li dawn thallsu ‘cash’ dakinhar tal-konsenja. Eppure fir-rigward ma esebixxa l-

ebda ricevuti u llimita ruhu biex jghid li “ma nahsibx li kien jghaddili”.

iv. Jirrizulta illi l-ahhar pagament effettwat mis-socjeta` appellanti sar fl-24 ta’ Novembru 1995.

v. Hekk ukoll jirrizulta wkoll illi fit-30 ta’ Awissu 2000 giet intavolata mill-attur ittra gudizzjarja debitament notifika lis-socjeta` konvenuta fid-9 ta’ Settembru 2000 (fol 25).

Quddiem dawn il-provi din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti fin-Nota taghha (fol 53) illi bejn il-partijiet kienu jezistu zewg kontijiet kurrenti, wiehed ta’ pagament bi kreditu u l-iehor ta’ hlas tempestiv mal-konsenja. Is-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tiddemostra dan mill-ebda dokument, ricevuta jew prova ohra sodisfacenti. Din il-prova kienet tinkombi fuqha li taghmilha (**Vol XXXV pIII p604**) u gjaladarba s-socjeta` appellanti ma ressqet l-ebda element korroborattiv li sar il-pagament il-Qorti ma tistax taccetta bhala attendibbli s-sottomissjoni maghmula minnha tal-ezistenza ta’ zewg kontijiet kurrenti paralleli.

Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda raguni serja biex tiddisturba l-valutazzjoni tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u tal-konkluzjoni taghha raggunta fuq din l-istess valutazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

-------------------------------TMIEM-------------------------------